# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 371/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Sarah Magri)

v.

**Angelo Tanti**

iben Joseph, imwieled Haz-Zabbar, fis-6 ta' Gunju, 1961, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 421161(M)

Illum, 19 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Angelo Tanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli bejn il-perjodu ta` April, 2011 u Dicembru, 2011, f'dawn il-Gzejjer approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn crane ta' l-ghamla Allengrove li jiswa aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew

li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-detriment ta` Carmelo Falzon (ID. No. 819945M) u /jew tal-kumpanija Waste Oils Company Limited (C14999);

2. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz sabiex jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex jitqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta` aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta` Carmelo Falzon (ID. No. 819945M) u/jew tal-kumpanija Waste Oils Company Limited (C14999);

3. Talli huwa recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta b'diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Ottubru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 293, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, stante li din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel.

Illi l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u ikkundanatu ghal piena ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' snin, ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre ordnat lill-imputat ihallas is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf u tlett mitt euro (€23,300) lil Carmelo Falzon fi zmien sitt xhur, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi b'digriet tad-19 ta' Settembru, 2014 il-Qorti wara li rat ir-rikors guramentat tal-parte civile tat-3 ta' Gunju, 2014 ordnat id-dhul fis-sehh tas-sentenza tat-3 ta' Ottubru, 2013 fejn Angelo Tanti kien gie kkundannat ghal piena ta' sentejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Angelo Tanti pprezentat fl-l ta' Ottubru, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata fejn l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) ai termini tal-artikolu 28H(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat id-dhul fis-sehh tal-piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin erogata mill-istess Qorti skont sentenza datata t-3 ta' Ottubru, 2013, u konsegwentament tiehu dawk il-provvedimenti kollha li thoss opportuni fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-aggravju principali jikkonsisti fil-fatt illi li bir-rispett kollu dovut, hawnhekk l-Ewwel Qorti ma kienitx rinfaccata b'kaz ta' persuna li qed tirrifjuta li thallas.
Illi huwa minnu li ghal xi raguni jew ohra, dan il-kaz gie differit darbtejn qabel is-seduta tad-19 ta' Settembru, 2014 u dan peress illi l-Avukat li kien inkariga l-appellant dak iz-zmien naqas li jidher, minkejja li l-Qorti ordnatlu komunika f'dan is-sens.

Illi ghas-seduta tad-19 ta' Settembru, 2014, l-appellant inkariga Avukat iehor li deher ghas-seduta bi proposta konkreta ta' hlas, li kienet entru t-termini ta' dak li l-Qorti tal-Magistrati setghet takkorda skont il-Ligi.

Illi l-appellant informa lill-Magistrat sedenti illi huwa kien ser ihallas ghas-saldu s-somma kollha dovuta lill-parte civile, u dan permezz ta' negozju li kien ser isir tlett gimghat wara din is-seduta.
Illi dan in-negozjant partikolari sahansitra attenda ghas-seduta sabiex jixhed u jikkonferma dak li kien qed jghid l-appellant.

Illi dan il-fatt gie wkoll komunikat lir-rapprezentant tal-parte civile is-Sur Carmelo Falzon illi accetta li jistenna xahar biex jithallas ta' kollox.

Illi madankollu, waqt is-smiegh, il-Magistrat sedenti, mill-ewwel pronunzja ruhu fis-sens, illi ma kienx interessat la jisma' x'ghandha xi tghid il-parte civile u lanqas li jakkorda terminu ulterjuri

u perentorju ta' xahar, kif wara kollox kellu kull dritt li jaghmel skont l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-fatt, wara talba verbalizzata f'dan is-sens, mid-difiza, il-Qorti tal-Magistrati cahdet it-talba ghal xahar zmien u ordnat id-dhul fis-sentenza ta' sentejn habs li kienet sospiza ghal erba' snin.

Illi bir-rispett kollu dovut, hawnhekk mhux qed nitkellmu fuq xi *hardened criminal* li qabad it-triq li jiffroda lin-nies. Hawn qed nitkellmu sempliciment fuq negozju li mar hazin u li wassal ghal falliment tal-appellant.

Illi inoltre, l-appellant ma giex ghas-seduta idu f'idu, izda gie armat b'soluzzjoni li fi zmien tlett gimghat jew xahar kienet ser twassal ghal hlas ghas-saldu tal-parte civile.

Illi tenut kont tal-fatt, illi anki l-parte civile xtaq li l-appellant jinghata dan it-terminu, huwa nsensat kif l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, baghtet bniedem il-habs ghal sentejn, meta kien hemm prospett car u inekwivoku, li l-vittma kienet ser tithallas ta' kollox.

Illi l-intenzjoni tal-legislatur bl-inkluzjoni tar-rimedju tal-artikolu 28H kien illi d-derubat jiehu lura dak li huwa tieghu. Bir-rispett kollu dovut, it-triq li hadet il-Qorti tal-Magistrati f'dan il-kaz, hija triq li tippregudika ghal kollox id-drittijiet tal-parte civile.

Illi l-appellant jemmen li f'dan il-kaz l-ezercizzju ta' diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti kien wiehed hazin u kien jimmerita li jinghata c-cans li jhallas lill-vittma, kif wara kollox gara f'ghexieren ta' kazijiet bhal dawn, fejn il-Qrati taghna, taw diversi opportunitajiet lill-persuni bhal dawn, biex flok imorru l-habs, ihallsu l-vittma dak li jkun dovut lilha.

Illi wiehed isemmi per ezempju diversi kawzi li kellu kontrih in-Nutar Schembri Adami, fejn il-Qorti tal-Appell preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. David Scicluna tat diversi differimenti, anki fuq perjodu ta' xhur, sabiex il-vittmi jithallsu lura dak li l-imputat f'dan il-kaz kien appropja indebitament ghalih innifsu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-lum stess l-parte civile nfurmat il-Qorti li l-appellant hallas dak kollu dovut. Ghalhekk, l-istess parte civile ddikjarat li ma ghandhiex aktar interess f'dan l-appell.

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena erogata mill-ewwel Qorti ghaliex l-appellant ma kienx hallas dak dovut lill-parte civile.

Illi fic-cirkostanzi hawn fuq indikati hu car li piena karcerarja mhuwiex ir-rimedju opportun.

Ghaldaqstant, ghar-raguni hawn fuq indikata din il-Qorti tilqa l-appell ta' Angelo Tanti. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok piena karcerarja effettiva, wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tikkundanna lil Angelo Tanti ghal piena ta' sena prigunerija izda tissospendi tali piena ghal perjodu ta' sentejn mil-lum.